Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 77
# It-Tlieta 26 ta' Gunju 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.45 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 6:30 pm >
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier <Dahal 6:50 pm >

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Romina Galea – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

77.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

77.1.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Snr Romina Galea li talbet li tkun skużata minħabba impenji ohra.

77.1.03 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

### 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

77.2.01 Il-minuti ta' Seduta L7-76 ttieħdu bħala moqrija u saret korrezzjoni fil-minuti 76.3.02 u 76.4.26
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

77.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda Talba <73.3.01>Mill-Għaqda Melita Banda San Guzepp għal tlett permessi fi żmien il Festa.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw it-talba barra dik tal-gabbana tal-ikel.

77.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda Talba <73.3.02> Mill-Għaqda Melita Banda San Guzepp għall-permess biex ssir majjalata fi Pjazza 5 ta' Ottubru nhar is-7 ta' Lulju.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw it-talba sakemm ma jkunx hemm attività ġa approvata mil-każin tal-boċċi.

77.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda Performance review <73.3.03> ta' waħda mill-impjegati li hija sekonded mal-ministeru tas-sahha biex ikun jista' jiġi approvat il-progression wara ħames snin servizz skond il-ftehim kollettiv.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-progression fuq ir-rakkomandazzjonijiet mgħoddija mil-HR tal-Isptar Monte Carmeli.

77.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda talba <73.3.04> mill-Aġenzija Żgħażagħ għall-Exposure Scheme lill-persuna mill-Imsida b'bżonnijiet speċjali u spjegat kif taħdem l-skema tal-Jobs plus.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw it-talba.

77.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li ntbaghtet Ċirkulari AKL 2018 / 067 <73.3.05> Proċedura Stabbilita ta' kif kunsill japplika għal-Bus Shelters ġodda jew jirrapporta ħsarat fejn ġew mgħoddija kopja.

77.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li intbaghtet Ċirkulari AKL 2018 / 072 <73.3.06> Dokument L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru fejn ġew mgħoddija kopja.

77.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar proposta minn żvilupatur fuq applikazzjoni PA9578/2017 <73.3.07> biex iħott u jerġa jibni struttura minn go binja għal fetħa quddiem il-kumpless pjanat fejn offra li din ssir pjazza, għas-spejjez tiegħu.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u unanimament jaqblu li ma jistgħux jgħamlulu No objection fuq l-informazzjoni mgħoddija u talbu biex jiġu ppreżentati pjanti u disinn bi spjegazzjoni dettaljata ta' kif se tkun armata l-istruttura f'nofs il-pjazza u kif din se tkun aċċessibbli għall-Pubbliku b' tali mod li din ma tkunx qisa binja magħluqa.

77.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar pubblikazzjoni ppjanata mir-reġjun li se tkun fuq il-lokalitajiet li għamlu parti mir- reġjun u spjegat li dan se jkun qed jitratta fuq 12-il suġġett minn stejjer sa monumenti u statwi. Hawn talbet biex il-kunsillier Lino Bartolo jaghmel kuntatt ħalli jinġabar u jintbagħat dak kollu neċċessarju fuq l-Imsida.

77.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti dwar ittra ta' riżenja <73.3.09> minn waħda mill-impjegati.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u aċċettaw ir-riżenja tal-impjegata u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jieħu ħsieb li jiġi osservat il-ftehim Kollettiv u biex isiru is-sejħiet u interviews neċċessarji skond il-proċeduri stabbiliti ħalli n-numru ta' impjegati mal-kunsill ikun kif permess.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li saret is- sejħa għall-Clerk Scala 15 Back to Back. Din għalqet u daħlet applikazzjoni waħda u jista’ ssir l-interview filwaqt li hemm bzonn jimtela l-post li se jkun vakanti minhabba il-volum ta' xoghol li hemm. Hawn kompla jispjega li biex itaffi ftit mil piz fuq l-impjegati se tigi persuna mid-district operations biex tkun tista tassisti lill-impjegati fuq xoghol baziku tal-ufficcju.

Is-Sur Emanuel Brincat issuġġerixxa biex Margaret Baldachino Cefai, Charles Selvaggi u Lino Bartolo jibqghu kkonfermati fil-bord tal-ghazla halli ma jintilifx hin minhabba li hemm hafna xoghol u nuqas ta' impjegati.
Il-kunsilliera prezenti qablu.

77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

77.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar talba mill-kumpanija Besedo biex tagħmel skip fi Triq C. De Brockdorff FXB Building dawn ġew mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

77.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar ċirkulari Akl 2018/056 Invitation to participate in a transitional initiative on the EU. Hadd mill-kunsilliera ma talab biex jipparteċipa.

77.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar talba għal No Objection Loading / Un Loading go Misraħ il-Barrieri. Din ġa ġiet approvata minn Trasport Malta fejn talbu biex isiru s-sinjali.

Is-Sur Maurice Agius staqsa fejn din se tkun u dwar il-ħinijiet fuq it-tabelli għax ma jkunux l-istess kullimkien
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din se tkun quddiem l-Oasis Ironmongery, filwaqt li dwar il-ħinijiet dawn ikunu 4 siegħat filgħodu u 4 siegħat wara n-nofsinhar.

77.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar Skema ta' tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunità' fejn Il-Kunsill Lokali tefa' żewġ proposti li jinkludu tagħlim fuq suġġetti moderni u teknoloġiċi li jsostnu l-iżvilupp tat-tfal fl-iskejjel u tagħlim għal persuni vulnerabbli, speċjalment żgħażagħ u rġiel u nisa. Il-Bord tal-għażla talab għal kopji ta' stimi fejn il-kunsill ta r-risposta tiegħu,  li meta isiru applikazzjoni għal fondi, l-ewwel irid jiġi żgurat li l-Kunsill se jieħu dawn il-fondi u wara issir sejħa għal stimi skond il-fondi u regoli marbuta magħhom.

77.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar il-Housing Scheme 2-2018 fejn daħlu tlett nominazzjonijiet għall-Amministratur tal-Blokka dawn intbaghtu lid-dipartiment .

77.4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar il- permessi u kundizzjonijiet mgħoddija u diskussi mar-rappreżentanti tal-Imsida Boċċi Club. Dawn aċċettaw il-Kundizzjonijiet kollha kif deċiż mill-kunsill u sar depożitu ta' 500 euro.

77.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar il-parkeġġ ta' Rue D'Argens l-intbaghtet ittra oħra u kopja ġiet mgħoddija lill-Kunsilliera  fejn it-Traffic Manaġement Committee  intalab biex jgħaddi l-informazzjoni tal-istudju ta' qabel id-deċiżjoni u għall-istudju ta' waqt iż-żmien ta' prova u deċiżjoni ta ' kif se tibqa it-triq . Kienu ikkupjati il-Ministru għat-Trasport u  s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li t-Traffic Management Committee baghat għall-kunsill biex issir diskussjoni fuq is-suġġett nhar it-2 ta' Lulju u kull kunsillier jista' jattendi.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li l-kunsill xorta għandu jinsisti biex ikollu l-informazzjoni fuq l-istudju.

77.4.08 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-WSC baghtux risposta fuq il-katusi go triq tas-Sisla.

Is-Segretarju wieġeb li baqa' l-istess bhas-seduta preċedenti.
Is-Sindku qalet li reġgħet talbet lill-Inġinier tal-WSC biex jara li dawn jitnehhew.

77.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar attivitajiet żgħar maħsuba biex jibdew bejn  l-ahhar ġimgħa ta' Ġunju u Settembru f'Misraħ San Guzepp għass-sajf ġew finalizzat u ħareġ il-poster.

77.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar statwi li tnehhew minn go dar go Xatt l-Imsida li l-Kunsill kiteb lill-PA biex tieħu azzjoni.

77.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar ir-risposta għal Maniġment letter mill-awdituri li din ġiet mibgħuta lill Awdituri, Awditur Ġenerali u Direttur għad dipartiment għal Gvern Lokali fil-5 ta' Ġunju.

77.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

77.5.01 Is Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti bil-ħsara fil-printer tar-reception u ġab stima għat-tiswija li ġiet għolja u wasal iż-żmien biex din tinbidel u resaq talba għal ftehim ta’ Photo copier / printer rental services bħal ma sar riċenti għall-uffiċju amministrattiv.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament it-talba.

77.5.02 Is Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti bil-ħsara fit-tinda go ġnien Victor Denaro u li hemm bżonn jinbidel l-injam għax tmermer u ġab stimi biex jinxtara il-materjal ħalli tissewwa.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament it-talba biex jinxtara il-materjal bl-irħas prezz.

77.5.03 Is Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti li kif ġie diskuss bosta drabi, għanda tinbidel is-sistema ta' accounts software għax dak preżenti mhux ser jibqa' supported, għalhekk saru laqgħat u nġabru stimi ma’ fornituri tas-Sage line 50 flimkien mal-accountant u talab biex tiġi approvata l-orħos offerta konformi ma’ dak li hemm bżonn.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament it-talba.

77.5.04 Is Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti li hemm bżonn jinxtara scaffolding biex ikun jista' ssir ċertu xogħol ta' manutenzjoni fuq barra u poġġa fuq il-mejda stimi għal wieħed ta' erba' metri.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament it-talba biex jinxtara bl-irħas prezz.

77.5.05 Is Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti li mar computer ta' waħda mill-impjegati fejn intalbu stimi biex jinxtara wieħed ġdid għall-ufficċju amministrattiv.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament it-talba biex jinxtara computer addattat għax-xogħol tal-impjegata.

77.5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella fakkar lill-kunsilliera preżenti li waqt seduta 69 kien poġġa fuq il-mejda talba għal-bidu tal-proġett biex ir-reception area tiġi magħluqa għas-sigurtà tal-impjegati għax din hija wisq aċċessibbli u kulħadd jidħol kif jfettillu. Hawn kompla jispjega li din kienet ukoll ssuġġerita fl-ahhar Risk assessment u wara li ppreżenta żewġt stimi bid-disinn, waħda għal bank ġdid u oħra għal perspex sas saqaf u bieb, Il-kunsilliera preżenti kienu ddiskutew u qablu li r-reception area trid tingħalaq iżda huma kienu tal-fehma li jintalbu aktar disinji u stimi għalhekk qed jippreżenta stimi oħra biex ix-xogħol jiġi approvat.

Il-Kunsilliera preżenti qablu biex ir-reception area tingħalaq għax hija wisq aċċessibbli fejn approvaw unanimament id-disinn u l-irħas stima.

77.5.07 Is-Sur Lino Bartolo għarraf lill-kunsilliera preżenti dwar il-programm Gimgha Msida u s-Sur Emanuel Brincat staqsa fuq il-lista tal-Inviti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew Jum l-Imsida u qablu lin-nominazzjonijiet għal-Mertu Msida jagħlqu it-Tnejn 9 ta' Lulju fin-12:00 pm u dakinhar stess jiltaqa' il-Bord tal -għażla għal Mertu Msida magħmul mill l-istess membri tas-sena l-oħra fis-06:00 pm. L-ghada, it-Tlieta 10 ta' Lulju il-Kunsill jiltaqa' biex jisma r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-għażla u jekk jaqbel japprova.

77.5.08 Is-Sur Lino Bartolo qal li minħabba l-volum ta'xogħol waqt il-Ġimgha Msida u l-Festa, hemm bżonn li jsir Stop leave.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba li hemm leave ta' Safar miktub numru ta' ġimghat ilu ma jistax iħassru iżda l-ħaddiema ta' barra ġa avzhom.
Il-kunsill qabel unanimament li mis-sena dieħla dawn il-ġranet ikunu stop leave u l-impjegati ikunu avżati fil-bidu tas-sena jew qabel.

### 77.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

77.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda u qara r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-kumitat ghall-evalwazzjoni ta' Tender KLMsd 1/2017 Street sweeping and cleaning in Msida and part of Swatar in an enviormentaly friendly method.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li t-Tender jingħata kif rakkomandat mir-rapport tal-kumitat għal-evalwazzjoni lill-Waste collection services li kellha l-orħos offerta skond il-kriterji mitluba.

### 77.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

77.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-77 <dc 77 /7/01> ta’ ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsilliera preżenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill irċieva sal-ġurnata tal- 25 ta' Ġunju 2018.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo u s-sekondat mis-Sur Charles Selvaġġi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

### 77.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

77.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 31 ta' Lulju 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum it-Tlieta 31 ta'Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |